KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 78 Tnejn 24 ta' Ġunju 2019

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:40 pm ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
James Cassar -Viċi Sindku
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Mario Sammut- Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Joe Gatt- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Jesmond Gauci-Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Karl Tanti – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier

ASSENTI
Rachel Tua – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

**78.1** Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġiji, ta' Dr. Karl Tanti u Maria Pia Bonnici. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

78.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 77

REF: 76.3.5 Kommunikazzjoni - Ġnien Reggie Miller

Is-Sindku nforma biex jittranġa żball ta' ortografija, fejn Ġnien Reggie Miller, jrid jiġi Ġnien Reggie Cilia.

REF:74.3.1 Korrispondenza – Email- Permit to Sublease part of tat-Targa

Is-Sindku nforma li ma leħaqx jiċċirkula l-*agreement,* u ħa jiċċirkulaħ qabel ma jsiefer.

REF: 74.3.7 Kommunikazzjoni mis-Sindku - Tintinnabru
Is-Sindku nforma li kellu laqgħa ta' *handover* mas-Sindku l-ġdieda, fejn nforma lis-Sindku eletta kif wkoll lil viċi Sindku elett, biex ikomplu jaħdmu fuq it-Tintinnabru, għax dan huwa mafkar u mhux donazjoni.

REF: 76.4.4 Triq il-Midbaħ ma Triq l-Għadajjar
Il-Kunsillier Deguara nforma li ġie kwotat ħazin, għax ried sempliċiment jitlob *update.*

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 77.

78.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku

78.3.1 Approvazzjoni ta' kwotazzjoni
Is-Sindku issuġerixxa lil-membri prezenti, biex kif sar f'din il-leġizlatura issa li sar ir-restawr fil-portico u dawl tar-ram tal-knisja ta' fuq, fadal bozzoz li huma antiki u qed jiddawru f'partijiet oħra, biex jsiru l-ġodda, u hemm bżonn li jinbidel id-dawl tal-kampnari.

Is-Sindku preżenta żewġ stimi, waħda ta' 4,956 Ewro u oħra ta' 5,590 Ewro. Dawn il-valuri jinkludu l-VAT. Dawn jinkludu 14 *floodlight* u 16 bozza.

Il-membri preżenti unanimament approvaw l-irħas kwotazjoni.

78.4 Rapporti

78.4.1 Approvazzjoni ta' Probation ta' żewġ impjegati
Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament l-*probation period* taż-żewġ impjegati.

78.4.2 Approvazzjoni tal-attendenza tal-Kunsilliera
Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament l-attendenza.

78.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

78.5.1 Skeda ta' pagamenti
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 91.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 11 ta' Ġunju sal-24 ta' Ġunju 2019.

78.5.2 Purchase Orders
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-purchase orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

78.5.3 Works Orders
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

78.6 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-8:00 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-24 ta' Ġunju 2019 fit-8:30 p.m.

Konfermati llum 24 ta' Ġunju 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Keith Cassar | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |